Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, l-24 ta' Ottubru, 2019

**Pulizija**

**vs**

**Renald Barbara**

*Kumpilazzjoni Numru: 610/16*

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet kontra Renald Barbara ta' 35 sena, bin Paul u Vincenza nee' Fenech, imwieled Pieta' fil-25/02/1981, residenti 12 Rose, Imtarfa Road, Imtarfa u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 129981M fejn gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 t'Ottubru 2016 gewwa Ta' Qali limiti ta' H'Attard;

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti u/jew oggetti ohra minn gewwa 'Ta' Qali Snack Bar', liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' € 2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Georgia Magro, British American Tobacco Malta u/jew persuna/i u/jew entita/jiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma

tiskorrix €2,500, iżda iżjed minn €250, ghad-dannu ta' Georgia Magro, British American Tobacco Malta u jew persuna/i u/jew entita/jiet ohra;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, għal-liema l-akkwist, il-pussess għal-liema għan ikun, iż-żamma jew l-importazzjoni huma projbiti, mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju;

4. U aktar talli b'hekk kiser wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet ghal-helsien mill-arrest, akkordati lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D nhar l-04 ta' Mejju 2016, liema kundizzjonijiet inghatawlu taht garanzija personali ta' €20,000;

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma' Renald Barbara bhala recidiv ta' sentenzi li saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Renald Barbara inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi mputat, kif ukoll tordna li l-flejjes indikati f'dak, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l- Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja *a foll.* 6.

Rat il-fedina penali tal-imputat *a foll.* 7 et.seq.

Rat d-dokumenti l-ohra kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar id-19 ta' Gunju 2019, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat li l-partijiet irrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti wara li ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-1 ta' Dicembru 2016 xehed Clint Bajada *a foll.* 28 bhala rapprezentant tal-British American Tobacco fejn ipprezenta dokument CB1 dwar hsara li kien hemm fil-magna tas-sigaretti li tammonta ghal €884.14 u dokument CB2 li juri li l-valur tas-sigaretti li gew misruqa jammontaw ghal €1071.73.

Illi fis-26 ta' Jannar 2017, xehdu PC813 Clinton Vella u PC 133 Darren Debattista *a foll.* 42 u pprezentaw ir-relazzjoni taghhom *a foll.* 44 sa 64, dwar finger prints u ritratti li ttiehdu meta accedew fuq il-post.

Illi fid-9 ta' Marzu 2017 xehed PS894 Alfred Cassar *a foll.* 67 li kien ha r-rapport.

Illi fit-18 ta' Mejju 2017 xehed Mario Magro *a foll.* 71, li huwa s-sid tas-Snack Bar. Xehed illi x'hin marru l-hanut sabu tieqa mkissra u l-magna tas-sigaretti sgassata, b'xi tlett mitt euro (€300) neqsin.

Illi fit-22 ta' Gunju 2017 xehed PS123 Clyde Remmel *a foll.* 87, bhala rapprezentant tal-*finger print department* fejn ipprezenta forma ta' fingerprints ta' Renald Barbara *a foll.* 89 et. seq li kienu ittiehdu fl-24 ta' Awissu 2012 u li kienet qed tinzamm fl-arkivji taghhom.

Illi l-iSpettur Gabriel Micallef xehed fil-11 ta' Lulju 2017 *a foll.* 94, dwar il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ta' l-imputat, li kienu nghataw fil-4 ta' Mejju 2016 u li kienu ghadhom effettivi f'Ottubru 2016. Fid-19 ta' Lulju 2017, Renald Barbara inghata l-beneficcju ghall-helsien mill-arrest, *a foll.* 98.

Illi fil-5 ta' Ottubru 2017, xehed l-iSpettur James Grech *a foll.* 102, illi kien hemm xi fingerprints fuq sikkina li nstabet fil-post, li kienu jaqblu ma dawk ta' Renald Barbara u b'hekk kien baghat ghall-imputat u kien hadlu statement. Huwa ipprezenta erbgha sentenzi tal-imputat *a foll.* 105 et.seq.

Illi xehed Joseph Mallia bhala espert tal-Qorti, *a foll.* 189 li pprezenta r-rapport tieghu fis-seduta tas-06 ta' Gunju 2019, li gie mmarkat bhala JMY 1 *a foll.* 169 et.seq, u li l-konkluzzjoni tieghu kienet illi l-impronta li

giet elevata hija identika mal-marka tas-saba l-kbir ta' id ix-xellugija tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech iddikjara illi f'kaz ta' htija ta' l-imputat, ghalkemm ghandha tinstab htija tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-Liberta' Provisorja, m'ghandhiex terga' tigi ordnata il-konfiska tas-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) bhala garanzija personali, liema somma diga' giet ikkonfiskata favur il-Gvern ta' Malta skond il-Ligi, u dan permezz ta' sentenza datata 4 ta' Gunju 2018 mill-Qorti diversament presjeduta (Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit).

Illi wkoll il-Prosekuzzjoni u d-Difiza issottomettew illi f'kaz t'ammissjoni mill-imputat, l-piena ghandha tkun ta' 18-il xahar prigunerija effettiva.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali mtappna tieghu, tal-ammissjoni tieghu u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 7, 11, 49, 50, 261 (b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(b), 289, 325(1)(a), 533, 579(2)(3), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 3 u 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih, u tikkundannah ghal-piena ta' **prigunerija effettiva** ghal-perjodu ta' **tmintax-il xahar (18),** kif ukoll ghal hlas ta' **multa ghas-somma ta' elf mija u erbgha u sittin Euro (€1,164.00).**

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' **erbgha mija u disghin Euro u sebgha u disghin centezmu (€ 490.97)** rapprezentanti spejjez peritali**.**

Magistrat
**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**